MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 1412/1991/1

**Paul Cilia**

**v.**

**Sammy Meilaq ghan-nom u in rappresentanza tal-Malta Drydocks u b'digriet tal-14 ta' Marzu 2006 Salvu Gauci f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks li llum tinsab xolta assuma l-atti tal-kawza.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fit-3 ta’ Dicembru, 1991 l-attur ippremetta illi huwa haddiem mal-Malta Drydocks u jsofri minn dizabilita` permanenti konsistenti f’telf ta’ smigh li hu effett tax-xoghol li hadem fih l-attur; illi l-konvenut nomine huwa responsabbli ghal din id-dizabilita` permanenti li jsofri minnha l-attur minhabba n-nuqqas ta’ prudenza, diligenza, hsieb u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti da parti ta’ l-istess konvenut nomine li ma tax protezzjoni kif suppost lill-attur kontra l-effett tax-xoghol li kien jahdem fih; illi l-konvenut nomine gie interpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur izda baqa’ inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-
1. tiddikjarah responsabbli ghall-korriment u ghad-dizabilita` permanenti li jsofri minnha l-attur u ghad-danni konsegwenzjali.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Frar 1991, kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fl-20 ta’ Dicembru, 1991 l-konvenut nomine eccepixxa:-
1) illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili billi l-attur ilu jsofri mid-dizabilita` li qed jilmenta minnha aktar minn tnax-il sena.

2) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut nomine ma jahti bl-ebda mod ghad-dizabilita` li l-attur jallega li ghandu.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponet minn din il-vertenza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine laqghat it-talbiet attrici u konsegwentment iddikjarat lill-konvenut nomine responsabbli ghall-korriment u ghad-dizabilita` li jsofri l-attur u ghad-danni konsegwenzjali; illikwidat d-danni fl-ammont ta' LM6,672 u finalment ikkundannat lill-konvenut nomine jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata bl-ispejjez kontra l-konvenut u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"Permezz ta' l-eccezzjoni preliminari tieghu l-konvenut nomine eccepixxa li l-azzjoni attrici hi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi:

"L-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn."

"Ta' relevanza huwa wkoll l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."

"Irid ghalhekk jigi determinat minn meta l-attur fil-kaz odjern seta' jezercita l-azzjoni minnu ntentata.

"L-attur xehed li qabel ma dahal jahdem it-Tarzna qatt ma kellu problemi ta' smigh. Il-problemi nqalghu mill-1972 'il quddiem meta kien jahdem fil-boiler shop fejn ikun hemm hsejjes enormi. Kien ilu jahdem hemm mill-1967. ilbies protettiv bhal *earmuffs* kien inezistenti. Beda jinduna li kien qed ibati minn nuqqas ta' smigh fis-sens li meta jmur id-dar ma kienx jisma' lil min ikellmu jekk ma jghajjatx. Din il-kondizzjoni baqghet tirrepeti ruha anke fuq ix-xoghol. Billi l-problemi ta' nuqqas ta' smigh kienu qed isiru akuti, mar ghand l-ispecjalista tal-ENT Pierre D'Amato. L-attur qal li kien hu stess li thabat biex jigu provduti *earmuffs* lill-haddiema.

“In kontroezami l-attur xehed li fis-snin precedenti ghall-1973 li fihom kien foreman fil-boiler shop kien diga’ beda jbati hsara f’widnejh u din il-hsara kompliet sal-1978. Ghamel testijiet u hargulu certifikati. Fl-1979 ghamel operazzjoni ghaliex il-hsejjes eccessivi kienu qed jikkagunawlu ugiegh f’widnejh. Hu spicca sena u nofs qabel il-61 sena bl-early retirement peress illi ma felahx ibati aktar b’widnejh.

“L-attur xehed ukoll li kien fl-1980 li sar jaf mit-tobba l-ewwel darba li l-ambjent tax-xoghol kien ghamillu hsara f’widnejh u ghalhekk talab xoghol f’ambjent bla storbju minnufih. Tawh xoghol alternattiv biss sentejn wara, jidhirlu f’April 1982. Sakemm tawh dan ix-xoghol alternattiv baqa’ jahdem fl-istorbju. Wara April 1982 ma baqax jahdem fl-istorbju, u dan sakemm spicca mix-xoghol. Matul is-sentejn ta’ bejn l-1980 u l-1982 it-Tarzna ma tatu ebda rimedju li bih itejjeb il-qaghda tieghu. Wara l-1982, huwa ghamel aktar testijiet u sabu li fl-ambjent il-gdid ta’ ufficcju ma kienx mar ghall-aghar. Baqa’ l-istess.

“Mid-dokumenti esebiti mill-attur jirrizulta li fis-16 ta’ Mejju 1980 talab transfer ghal post b’inqas hsejjes (Dok E12) u ma din l-ittra ehmez certifkat mediku tal-Professur Pierre D’Amato datat 13 ta’ Mejju 1980 (Dok F13) fejn dan indika li nies bil-kondizzjoni ta’ l-attur huma “very sensitive to loud noise and are very prone to acoustic trauma which would increase the neurosensory loss and further impair their hearing” u rrakkomanda li l-attur ma jahdimx “in a noisy environment such as a dockyard workshop”.

“Fit-12 ta’ Novembru 1981 rega’ gie ezaminat mill-ispecjalista tal-ENT fl-Isptar San Luqa u, skond l-attur, mit-tests irrizulta li mar mill-hazin ghall-aghar. Huwa esebixxa kopja ta’ certifikat mediku (Dok. H15A).

“Xehdet ukoll Dr. Maria Sciberras, medical aministrator ta’ l-Isptar San Luqa li, fost affarijiet ohra, indikat li mill-file ta’ l-attur jirrizulta li fid-19 ta’ Novembru 1981 nghata parir biex jevita “loud noises”.

“L-espert mediku kkonkluda li fil-kaz ta’ l-attur il-kawzi tan-nuqqas ta’ smigh kienu tlieta: (1) l-otosclerosis li hija kundizzjoni progressivali tista’ twassal ghal nuqqas ta’ smigh totali, (2) bla dubju l-hoss esagerat li l-attur kien espost ghalih kompla jgharraqlu s-smigh, u (3) l-effett ta’ l-eta`.

“A bazi ta’ dawn il-fatti saljenti l-perit legali ghamel dawn l-osservazzjonijiet rigwardanti l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tal-konvenut nomine:

“20. il-kaz in ezami l-attur mhux qed jallega li garrab korriment izda qed isostni li sofra telf ta’ smigh minhabba hsejjes eccessivi li ghalihom kien espost fuq il-post tax-xoghol tieghu. Waqt li fil-kaz ta’ korriment id-data li fiha persuna tbati l-hsara hija maghrufa bil-preciz f’liema kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda jghaddi minn dik il-gurnata ghaliex id-dritt ta’ l-azzjoni jsta’ jigi esercitat minn dakinnhar, fil-kaz ta’ mard industrijali bhal ma hu telf ta’ smigh iz-zmien li fih id-danneggjat ikun bata’ l-hsara mhux dejjem jista’ jigi determinat bil-preciz. Fil-kaz in ezami l-esponent gabar evidenza bizzejjed li tista’ twassal biex jistabilixxi meta l-attur garrab il-hsara u allura seta’ jezercita l-azzjoni.

“21. Mill-provi rrizulta li qabel l-attur dahal jahdem it-tarzna fl-1947 ma kellux problemi ta’ smigh. Skond l-attur stess, il-problemi ta’ nuqqas ta’ smigh bdew fl-1972 meta kien jahdem fil-boiler shop tat-tarzna fejn kien ilu jahdem mill-1967 u fejn l-ambjent tax-xoghol kien karatterizzat minn hsejjes qawwija. Fl-1978 ghamel testijiet u fl-1979 ghamel operazzjoni kirurgika f’widnejh. Skond l-attur kien fl-1980 meta sar jaf ghall-ewwel darba mit-tobba li l-ambjent tax-xoghol tieghu kien ghamillu hsara f’widnejh. **Id-Dok. F13A esebit mill-attur stess jitkellem wahdu.** Kien biss wara April 1982 li nghata xoghol fejn ma kienx hemm storbju.

“22. Mill-file ta’ l-isptar tal-attur, irrizulta li l-hsara fil-widnejn tal-attur kienet investigata fis-6 ta’ Awissu 1979 b’intervent kirurgiku jsir fil-21 ta’ Awissu, 1979, b’aktar accertament u konfermi biex jevita l-hsejjes gholjin sad-**19 ta’ Novembru, 1981.**

“23. **Minkejja li l-hsara kienet accertata bejn il-13 ta’ Mejju, 1980 u d-19 ta’ Novembru, 1981,** l-attur halla jghaddu aktar minn disa’ snin sa ma pprezenta ittra ufficjali kontra l-konvenut noe fit-22 ta’ Frar, 1991 fejn talab il-likwidazzjoni tad-danni u wara pprezenta c-citazzjoni odjerna fit-3 ta’ Dicembru, 1991.

“24. Matul dak il-perjodu ta’ disa’ snin ma kien hemm ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond il-ligi u lanqas xi rikonoxximent da parti tal-konvenut noe skond l-Art. 2133 tal-Kap. 16. Il-fatt li wara l-1982 sar trasferiment tal-attur ghal ambjent fejn makienx hemm hsejjes qawwija ma jammontax ghal rikonoxximent fit-termini tal-ligi.

25. Ghaldaqstant gialadarba rrizulta li l-attur seta’ jezercita l-azzjoni tieghu a tenur tal-Art. 2137 tal-Kap 16 ta’ l-inqas b’sehh mid-19 ta’ Novembru 1991 u stante li fis-sentejn ta’ wara la pprezenta citazzjoni u lanqas xi att gudizzjarju sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni, **l-azzjoni attrici ghandha titqies bhala preskritta a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap 16 u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni noe ghandha tkun akkolta.**”

“Fin-nota ta’ kritika tieghu l-attur ighid li l-perit legali mar kontra dak li stabilixxa l-perit mediku Mr. Pace Balzan billi da fix-xiehda tieghu in eskussjoni qal li ma setax jghid meta beda l-effett tal-hoss esagerat fuq in-nuqqas ta’ smigh. Ghalhekk, isostni l-attur, il-perit legali stabilixxa data fuq punt tekniku li l-perit mediku ddikjara li ma tistax tigi stabbilita. Skond hu, il-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri mid-data minn meta din id-dizabilita` giet kristalizzata u mhux mid-data minn meta nbdiet.

“Il-Qorti ezaminat id-dokumenti kollha esebiti u x-xiehda moghtija u jirrizultalha li filwaqt li huwa minnu li l-attur fix-xiehda tieghu ta’ l-20 ta’ Mejju, 1997 jghid li kien fl-1980 li sar jaf mit-tobba l-ewwel darba li l-ambjent tax-xoghol kien ghamillu hsara f’widnejh, ic-certifikat Dok. F13 jghid x’jista’ jigri jekk l-attur jibqa’ jahdem f’ambjent storbjuz u ghalhekk jirrakkomanda li ma jibqax jahdem f’tali ambjent, filwaqt li c-certifikat Dok. H15A jirrakkomanda biss li l-attur

ma jahdimx f'ambjent storbjuz. Kien fl-1990, skond certifikat datat it-8 ta' Ottubr, 1990 (Dok. L26) rilaxxat mill-ispecjalista Mr. A. Griscti Soler li gie determinat li l-ambjent storbjuz li fih kien jahdem l-attur "**has contributed, no doubt, to his sensorineaural hearing loss**". U f'certifikat sussewgenti tad-29 ta' Jannar 1991 (Dok. P30) l-istess specjalista stqarr li l-percentagg ta' "**noise induced hearing loss after that due to cochlear otosclerosis is about 10%**".

"Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-azzjoni **setghet tigi ezercitata** mit-8 ta' Ottubru 1990 u mhux fil-perjodu indikat mill-perit legali peress li dak iz-zmien ma kienx ghadu gie determinat xi grad ta' dizabilita` li l-attur kien sofra minhabba l-hsejjes fuq il-post tax-xoghol. Anzi c-certifikati esebiti jikkontjenu biss rakkomandazzjonijiet biex l-attur ma jahdimx f'ambjent storbjuz minhabba dak li seta' jigri. Billi c-citazzjoni odjerna giet intavolata fit-3 ta' Dicembru 1991, ifisser li l-perijodu preskrittiv ma kienx iddekorra u ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hi respinta.

"Mill-provi migjuba u partikolarment mic-certifikati medici surreferiti jirrizulta li l-konvenut nomine kien gie preavvizat dwar il-kondizzjoni ta' l-attur u dwar il-htiega li jadem f'ambjent mhux storbjuz. Sfortunatament kien biss madwar sentejn wara li ha l-ewwel transfer ghal post anqas storbjuz. Minhabba n-nuqqas ta' azzjoni effettiva u tempestiva da parti tal-Malta Drydocks, li lanqas kienet tipprovdi l-aktar oggett baziku biex ihares lill-impjegati mill-istorbju, u cioe` *earmuffs*, is-socjeta` konvenuta ghandha twiegeb ghad-danni li sofra l-attur.

"Skond il-perit mediku d-dizabilita` kompensabbli ta' l-attur hija ta' 35%. L-attur twieled fid-29 ta' Lulju 1931 (ara Dok. N28). Fit-8 ta' Ottubru 1990 kellu 59 sena. Fil-fehma tal-Qorti, fic-cirkostanzi tal-kaz, *multiplier* realistiku huwa ta' hames snin. Bhala bazi ghad-dhul annwu medju se jittiehed id-dhul tieghu gross ghas-sena 1990 skond id-Dok. JZM1, u cioe` LM3,813. B'hekk il-*lucrum cessans* irid jigi komputat kif gej:

LM3,813 x 5 x 35% = LM6,672.

“Fuq l-insenjament ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Caruana vs Anthony Falzon**, stante li issa ghaddew aktar minn ghaxar snin ma hu se jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment.*”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fit-22 ta’ Ottubru, 2003 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Malta Drydocks appellanti u tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

L-attur appellat pprezenta risposta fejn talab li s-sentenza tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellant.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

Il-Malta Drydocks resqet bazikament tlett aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe` dwar:

a) ic-cahda tal-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni;

b) is-sejbien ta’ responsabbilita`, u

c) il-grad ta’ disabilita` u l-komputazzjoni tad-danni.

Naturalment jekk jigi akkolt l-ewwel aggravju u cioe` dak li jikkoncerna l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni ma jkunx hemm necessita` li jigu ezaminati l-aggravji l-ohra billi dawn isegwu b’mod naturali skond jekk l-azzjoni hija preskritta jew le.

**Dwar il-preskrizzjoni.**

Il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut hija dik ta’ sentejn kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’

Malta. Hemm jinsab dispost li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. Mhux ikkontestat mill-attur li din hija l-preskrizzjoni applikabbli ghal kaz sotto ezami biss qed jigi sottomess, kif ukoll irriteniet l-ewwel Qorti, li dan il-perijodu preskrittiv beda jiddekorri minn dakinhar li s-sitwazzjoni tal-attur giet kristallizzata billi gie stabbilit il-grad ta' disabilita` ta' l-attur bhala konsegwenza tal-istorbju fl-ambjent tax-xoghol u cioe` meta fl-1991 l-ispecjalista Griscti Soler iddetermina din id-disabilita` fi grad ta' 10%. Din il-konkluzzjoni jidher li hija bazata fuq dak li hemm provdut fl-Artikolu 2137 tal-istess Kodici Civili li jiddisponi li "*l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata ….*"

Ezaminati l-provi u s-sottomissjonijiet tal-kontendenti din il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti hija manifestament skorretta u dana ghas-segwenti ragunijiet.

a) Fir-rigward ta' dak li hemm provdut fl-Artikolu 2137 fuq citat din il-Qorti tifhem li l-azzjoni ghad-danni tista' u ghandha tigi ezercitata fil-mument li jigi stabbilit li hemm dannu rizultanti mill-agir jew nuqqas ta' terza persuna. Huwa ghalhekk irrlevanti kemm jew f'liema grad tkun dik id-dizabilita` billi din tista` tvarja, anke ghar-ragunijiet totalment indipendenti, matul il-kors tal-proceduri li jkunu gew istitwiti sabiex jigi stabbilit minn kien responsabbli ghal din il-hsara.

b) Tant hu hekk li anke fil-kaz in ezami naraw li ghalkemm l-espert Griscti Soler stabilixxa percentwali jew grad ta' disabilita` fl-ammont ta' 10% l-istess espert mahtur mill-Qorti wasal ghal percentwali kompletament differenti billi akkorda disabilita` ta' 35%. Ghalhekk ghandu jinghad li filwaqt li l-grad ta' disabilita` jiddipendi minn evalwazzjoni personali ta' l-esperti medici, l-kawza ta' dik id-disabilita` tista' u ghandha, ghal fini tad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita`, tigi attribwita ghall-fattur partikolari f'data specifika.

c) Issa fil-kaz in ezami jirrizulta b'mod car li l-attur kien bata mis-smigh bhala rizultat tax-xoghol tieghu fil-boiler room sa minn 1972 meta beda jilmenta li kien qed jigi nies mis-smigh. Izda apparti dan hemm ic-certezza li din il-kondizzjoni tieghu giet determinata fl-ahhar tas-snin sebghin meta kien sar intervent kirurgiku f'widnejh u l-istess tobba li operawh kienu kkonfermawlu li l-ambjent tax-xoghol kien ghamillu hsara f'widnejh.

d) Mhux hekk biss izda jirrizulta li fl-1982 l-attur tnehha mill-ambjent ta' storbju u ma regax haden f'postijiet storbjuzi sakemm irtira. Minn dakinhar is-sitwazzjoni tieghu baqghet stabbli u ma aggravatx ruhha. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li effettivament is-sitwazzjoni ta' l-attur kienet stabbilita sa mill-1982 u kien minn dakinhar li huwa kellu jipprocedi bl-azzjoni ghad-danni u mhux joqghod jistenna sakemm jirtira mill-impieg tieghu qabel ma jagixxi b'mod li halla l-azzjoni taqa' bid-dekors tal-preskrizzjoni ta' sentejn.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-konvenuta appellanti bhala gustifikat u ghalhekk tiddikjara l-azzjoni perenta bid-dekors taz-zmien.

Fic-cirkostanzi mhux mehtieg li jigu konsiderati l-aggravji l-ohra mressqa mill-appellanti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuta appellanti qed jigi milqugh u b'hekk l-azzjoni attrici qed tigi dikjarata milquta bil-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi revokata u t-talbiet attrici qed jigu michuda. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------